# Il-Pesta ta' l-1813 u l-Beata Verġni tal-Mellieħa

Fi żmien meta Malta kienet ċentru ta' kummerċ u ta' komunikazzjoni ma' ħafna portijiet oħra fil-Mediterran, żgur li dawn il-kuntatti, għalkemm ta' ġid għall-Gżira, kellhom iwasslu għal żminijiet koroh. Hekk ġara fl-1813 meta l-pesta dehret għall-ewwel darba fil-belt Valletta nhar il-Ġimgħa, 16 ta' April.

Jidher li din l-imxija nġabet mill-Eġittu fuq il-Brigantin 'San Nicola' minn fejn ġew misruqa xi ħwejjeġ u drappijiet li tniżżlu l-art mingħajr ma għaddew mill-kwarantina. Skarpan mill-belt Valletta kien klandestinament xtara xi ložor ġejjin minn dik it-tagħbija nfettata u allura l-ewwel vittma kienet bintu u mbagħad hu u martu li kollha mietu f'qasir żmien.

Dik il-ħabta ħafna kienu tal-fehma li l-pesta kienet tinfirex b' "riħ ħażin" waqt li oħrajn kienu jaħsbu li tittieħed bil-mess. Ħadd ma kien jaf li l-pesta kienet tiġi minn mikrobu li kien jattakka l-ġrieden u mbagħad in-nies kienu jieħdu l-marda meta jingidmu mill-qamel li kienu jgħixu fuq dawk l-istess ġrieden. L-anqas l-Awtoritajiet tas-Saħħa ma kienu jafu b'dan u ttieħdu ħafna miżuri stretti għal xejn.

Il-portijiet Maltin kollha ġew magħluqin għall-kummerċ u l-ebda vapur ma tħalla joħroġ jew jidħol fil-Gżira. Il-Qrati, knejjes, teatri u postijiet oħra fejn setgħu jiltaqgħu ħafna nies f'daqqa ġew magħluqa wkoll.

L-imxija xterdet b'ħeffa kbira u dawk milquta ġew meħudin fil-Lażżarett fuq il-Gżira Manoel. Sa Ġunju 1813 il-pesta kienet qatlet 529 ruħ. Infetħu sptarijiet oħra f'Bighi u fil-Kunvent ta' San Duminku fir-Rabat u aktar tard inbnew kmamar ta' l-injam jew *barracche* fil-foss tal-Furjana u barra l-belt Valletta. Fi żmien qasir id-deffiena bdew jonqsu u allura l-Gvern għamel użu mill-ħabsin biex jieħdu ħsieb dawk morda, biex iqassmulhom l-ikel u biex iġorru u jidfnu dawk mejtin. Ħafna minn dawn il-ħabsin, li dejjem kienu jkunu mgħassa mis-suldati, spiċċaw ħażin u ġew milquta mill-pesta u l-Gvern



*Il-wegħda magħmula minn Anna Lungaro fis-17 ta' Awissu 1813*




*Il-wegħda magħmula minn Liberta Calleja fit-2 ta' Jannar 1814*




*Il-wegħda tal-karrettunier Nicola Bartolo*

Ingliż ġab ħabsin oħra din id-darba minn Sqallija. Dawn ukoll messithom l-istess xorti ħażina.

Il-pesta baqgħet tinxtered u Ħal Qormi, Ħaż-Żebbuġ u Birkirkara kienu l-iktar postijiet li ntlaqtu. Dawn il-postijiet ġew imdawwra mis-suldati u nbena ħajt apposta biex ħadd ma jkun jista' joħroġ minn hemm. Din kienet Liġi Marzjali u min ma kienx jobdi kienu jisparawlu fuq il-post.

Il-Gvernatur Ingliż Thomas Maitland ħa miżuri ħorox ħafna u ta ordnijiet stretti lill-pulizija u lis-suldati biex iżommu dawk infettati maqtugħin għalihom. Maitland ikkonvinċa wkoll lill-Isqof ta' Malta Ferdinando Mattei biex joħroġ Ittra Pastorali lill-fidili kollha fejn wissa li dawk li ma jobdux ir-restrizzjonijiet dwar il-pesta kienu ħatja ta' dnub mejjet waqt li l-qassisin kellhom juru biċ-ċar lin-nies dwar l-urġenza u l-gravita' tas-sitwazzjoni.

F'Ġunju ta' l-1813 l-imxija bdiet tnaqqas u fid-29 ta' Jannar 1814 ġie iddikjarat li n-nies setgħu joħorġu mill-belt Valletta u minn bliet u rħula oħra minbarra Ħal Qormi li baqa' jinżamm taħt kwarantina sal-bidu ta' Marzu 1814. Fi Frar ta' l-1814 il-pesta laqtet lil Għawdex, eżattament lir-raħal tax-Xagħra. In-nies mill-ewwel ġew trasferiti u iżolati ġo tined sat 13 ta' Ġunju ta' l-istess sena.

Il-Gżejjer Maltin ġew iddikjarati meħlusin mill-pesta għal kollox nhar it-8 ta' Settembru 1814. Minn popolazzjoni totali ta' 116,000 il-pesta kienet qatlet 4,500.

**Il-Beata Verġni tal-Mellieħa**

Il-poplu Malti minn dejjem kien nazzjon li jaf jidħol fih innifsu meta jsib ruħu fit-twegħir, jafda f'dak li hu Divin u jpoġġi t-tama tiegħu f'Alla u fil-Madonna. L-ark fid-daħla li twassal għas-Santwarju tal-Mellieħa fih skrizzjoni li tgħid: "Fik ittamaw missirijietna. Ittamaw u Inti ħlisthom" u l-mijiet ta' pitturi Ex-Voto u offerti oħra huma xhieda ta' dan. Dawn ir-rigali Ex-Voto ġew mogħtija min-nies lill-Madonna tal-Mellieħa bħala ringrazzjament ta' wegħdi maqlugħa.

Dawn ir-rigali, li jvarjaw minn pitturi għal ktajjen, krozzi, tifkiriet ta' gwerer u ħafna oġġetti oħra, iġibulna quddiem għajnejna t-tbatijiet u t-taħbit li għaddew minnhom nies komuni matul iż-żminijiet u huma xhieda ħajja tal-fidi qawwija tagħhom.

Fost il-ħafna kwadri f'dan is-Santwarju wieħed isib pittura taż-żejt fuq it-tila li turi sala ta' sptar bis-sodod fuq iż-żewġ naħat matul il-pesta ta' l-1813. L-iskrizzjoni ta' taħt turina kif Anna Lungaro kienet l-isptar milquta mill-pesta b'żewġ nefħiet f'koxxitha x-xellugija. Bl-interċessjoni divina tal-Beata Verġni tal-*Melleħa* hi u żewġ pazjenti oħra ġew salvati minn total ta' 160. Dan ġara fis-17 ta' Awwissi 1813. Din il-wegħda ġiet magħmula minn Anna Lungaro u l-qarib tagħha Giovanni (Portelli).

It-tieni Ex-Voto, ukoll fis-Santwarju, jirrapreżenta l-marda tal-pesta ġo familja partikulari u jurina kif l-armla Liberata Calleja mill-Furjana flimkien ma' bintha Maria ġew milquta mill-pesta u ġew meħuda fil-kmamar ta' l-injam mibnijin apposta fil-foss tas-swar. Hi kellha madwar 30 ferita ma' ġisimha kollu u wara li ġiet ikkurata minn tabib Sqalli u bl-interċessjoni tal-Beata Verġni tal-*Melleħa* kemm hi kif ukoll it-tifla ġew imfejqin mill-pesta nhar it-2 ta' Jannar 1814.

Ex-Voto ieħor interessanti tal-pesta ta' l-1813, għalkemm ma jinsabx fis-Santwarju tal-Mellieħa, jagħtina deskrizzjoni tas-sitwazzjoni tassew prekarja li kienet teżisti barra l-belt Valletta dik il-ħabta. Ċertu Nicola Bartolo, karrettunier imqabbad biex iqassam l-ilma lil dawk infettati li kienu kwarantina fl-ewwel foss ta' Porta Riale tal-belt Valletta, kien imwerwer li ħa jmut b'dik il-marda li tittieħed. Huwa talab lis-Santissima Omm Alla tal-*Mellħa* u lil Santa Barbara mill-1 ta' Mejju sax-xahar ta' Diċembru u x-xewqa tiegħu ġiet milqugħa.

Dan l-aħħar Ex-Voto jiġbor fih ħafna dettalji. Jurina bl-iktar mod ċar dawk il-kmamar ta' l-injam li nbnew barra s-swar tal-belt Valletta, in-nies infettati ħerġin biex jimlew l-ilma mill-bettija tal-karrettunier, ġemgħa oħra sejrin bil-karettun mimli iġsma ta' nies mejtin bil-pesta biex jindifnu, qassis jassisti ma' vittma tal-pesta, qraba ta' nies morda bil-pesta iħarsu minn wara l-ħajt tal-kwarantina u l-għassiesa armati jikkontrollaw ix-xena kollha. Naraw ukoll stampa tassew ċara tad-daħla prinċipali tal-belt Valletta bil-kavallieri San Ġwann u San Ġakbu fuq kull naħa.

Barra minn kwadri Ex-Voto oħra li ma għadhomx jeżistu, hemm ħafna referenzi għal rigali ta' flus, xemgħat, żejt u donazzjonijiet oħra li ġew ippreżentati lill-Madonna tal-Mellieħa waqt u wara l-pesta ta' l-1813. Zgur li din l-Ikona mirakoluża tal-Madonna meqjuma fis-Santwarju tal-Mellieħa kienet serviet ta' għajn ta' saħħa kbira għal dawk milquta matul dik l-imxija tal-biża'. Bla ebda ħjiel magħruf ta' fejqan, l-uniku xaqq ta' tama u fiduċja ta' dawk l-imsejknin milquta kien biss fil-Madonna li qatt ma kienet ċaħdet lil missirijiethom qabilhom f'dak kollu li kienu jitolbuha.

***Jimmy Muscat***

MARIANNA STATIONERY
fil-Pjazza tal-Parroċċa
MELLIEĦA
Għall-Photocopying,
Soft Toys, Stationery,
Haberdashery,
Household Goods, Gifts,
Souvenirs, Pergamano
and Granutel etc....
2152 3468 / 2152 2267